KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 449 (8-77)

It-Tnejn 8 ta' Jannar 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**449.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

449.1.2 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-Kunsilliera Kurstein Sant u Gillian Farrugia Pace.

**449.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 448. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**449.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

449.2.2 448.17.2 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk it-talba għal crash barriers kienetx intbagħtet lil TM. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li malli jkollha l-pjanta mmarkata fejn qed issir talba għal crash barrier tkun tista' tibgħat lil TM.

.

**449.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**449.3.1** Xogħolijiet fil-Junction tal-Girgenti

Is-Sindku qal li kien iċċirkola pjanta tax-xogħolijiet f'din il-junction li rċieva minn Infrastructure Malta. Hu qal li qed isiru bankini għal aktar sigurta' ta' min ikun qed jimxi f'din il-parti. Il-Kunsillier Julian Borg saqsa jekk hux ser isir twessiegħ tat-triq fejn hemm il-blat. Is-Sindku qal li jistaqsi dwar dan. Il-Kunsilliera francine Farrugia qalet li hija ħaġa pożittiva li qed isiru bankini minn fejn jippassiġġaw in-nies biex inħajru mobilta' u qalet li hemm bżonn issir senjaletika tajba.

**449.3.2** Laqgħa tal-Lokalita'

Is-Sindku qal li kif miftiehem il-laqgħa tal-lokalita' li skedata fl-24 ta' jannar għandha titressaq iktar lura għas-7 ta' Frar 2024. Hu qal li f'din il-laqgħa ser jiġu preżentati wkoll diversi proposti u jiġu diskussi issues li jolqtu lir-residenti biex iqanqal iktar

**449.3.3** interess. Ser jiġu mistiedna wkoll l-għaqdiet biex iressqu s-suġġerimenti u l-propoti tagħhom għas-sena li ġejja.

**449.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**449.4.1** Triq il-Muża

Il-Kunsillier Francine Farrugia reġgħet irreferiet għal ħsara fi Triq il-Muża u l-possibilta li jsir ix-xogħol f'din it-triq. Is-Sindku qal li il-lista ta' toroq biex isiru skond il-ftehim ma' IM kien ġie maqbul mill-Kunsill u approvat għal tlett snin. Hu qal li biex isir bdil f'dan irid ikun hemm qbil mill-kunsill u ovvjament trid tiġi replaced triq oħra li diġa kommessa. Hu qal li trid tara wkoll jekk it-tender għat-toroq diġa approvati ħariġx jew le. Is-Sindku qal li il-committments li kellna għas-sena l-oħra ġew imwettqa u allura jekk hemm pjan ikun għaqli li ma nbiddluhx ħalli ma nxekklux il-proċess.

**449.5** **Performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u staff amministrattiv għas-sena ta' ħidma 2023**

**449.5.1** Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li it-tlett impjegati jagħtu xogħolhom b'mod impenjattiv u jiprovdu volum għoli ta' xogħol, li minkejja il-pressjoni ta' kwantita' ta' xogħol li jkun haw kuljum fl-uffiċċju huwa jaqdu dmirijiethom b'mod professjonali. Hija qalet li bħala l-Kap Amministrattiv isiru diversi staff meetings u meta jkun hemm xi lok għal titjib titkellimha mal-impjegati. Is-Sindku qal li hu jista' jikkonferma l-volum ta' xogħol li jkun hemm fl-uffiċċju u propona l-massimu permess mill-liġi. Il-Kunsill unanimament qabel.

**449.5.2** Is-Sindku qal li jkun kuljum l-uffiċċju u jista' jifhem il-kwantita' ta' xogħol u pressjoni li jkun hemm fl-amministrazzjoni kuljum, fejn barra l-problemi tan-nies hemm xogħol amminitrattiv marbut b'deadlines li jrid jitwettaq mis-Segretatju Eżekuttiv. Is-Sindku propona l-performance appraisal tas-Segretarju Eżeluttiv tingħata għal massimu li tippermetti l-Liġi. Il-Kunsill unanimament qabel.

**449.6** **Progression ta' impjegata minn Skala 11 għal 10 skond il-ftehim kollettiv (Memo 8/2015)**

**449.6.1** Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Memo 8/2015 "Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali 2012-2016 – progression wara 5 snin servizz minn assistant principal Scale 11 għal scale 10". Hija qalet li l-impjegata għalqet il-5 snin fl-iskala 11 u għalhekk imissha titla skala skond dan il-ftehim u skond l-obbligi tal-ftehim. Il-Kunsill unanimament qabel.

**449.7** **Preparamenti għal Jum is-Siġġiewi u Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2024**

**449.7.1** Is-Sindku qal li qed jiġi imħejji draft tal-programm ta' attivitajiet li jinkludi attivita' ambjentali, inawgurazjoni tar-restawr, quddiesa ta' ringrazjament u s-Serata tal-għolti tal-Onorefiċenza fost oħrajn L-attivtajiet jgħalqu bil-mixgħela peress li din is-sena l-Għid ġej fl-aħħar ta' Marzu. Is-Sindku qal li s'issa m'hemmx konferma dwar l-iżjara mis-Sindku u delegazjoni minn Bari f'Marzu peress li ma jistgħux jikkommettu ruħhom. Is-Sindku propona li jsir 'monument' kommemorattiv tal-ftehim tal-ġemellaġġ fid-daħla taċ-ċentru ċiviku b'żewġ coat of arms tal-ġebel tas-Siġġiewi u dik ta' Bari. Huwa qal li jekk ikun hemm konferma nvarjaw il-programm skond il-każ, sa dat-tant ser niproċedu bl-ippjanar.

**449.7.2** Nominazzjonijiet Onorefiċenza

Is-Sindku qal li s-sena l-oħra implimentajna novita billi ingħata rikonoxximent tal-ħidma. Din l-inizjattiva intlaqgħet tajjeb ħafna. Il-Kunsillier Julian Borg issuġġerixxa li n-nominazzjonijiet ikunu kategorizzati u marbuta ma' qasam partikolari, eżempju persuna li marbuta ma' qasam ta' kultura, sport eċċ. Is-Sindku propona laqgħa nhar l-24 ta' Jannar fil-5.00pm biex jiġi approvat il-format u talab lill-Kunsilliera biex jekk jiproponu xi kambjament fil-proċedura għandhom iressquha dak inhar. Hu ssuġġerixxa wkoll li għandu jkun hemm limitazjoni fil-persuni nominati ħalli l-Unur iżomm il-valur tiegħu. Is-Sindku talab biex innominazzjonijiet jaslu għand is-Segretarju Eżekuttiv sal-31 ta' Jannar 2024.

**449.8** **Kuntratti tat-tindif – Knis u tindif rurali**

**449.8.1** Is-Sindku informa li wara li fl-aħħar tax-xahar waqaf is-servizz tal-Kuntratti, inġiebu stimi għaż-żewġ servizzi biex jibda x-xogħol immedjatament u nibdew naħdmu b'mod strutturat biex niġu uptodate mill-backlog u t-telqa li kellna fl-aħħar xhur. Hu qal li l-ewwel prijorita tal-knis hija tbattil tal-bins kollha u dawra t-toroq kollha peress li kienet tidher telqa assoluta, fejn imbgħad il-knis jibda jsir bi skeda.

**449.8.2** Is-Sindku qal li ix-xogħol fuq it-tindif ta' toroq rurali beda wkoll u fi ftit jiem diġa qed jidher riżultat tajjeb. Hu qal li l-ewwel ser isir tindif ta' toroq u qtugħ ta' ħaxix f'postijiet prominenti tat-traffiku bħat-triq ta' Għajn il-Kbira u Lawrenti fejn imbgħad tibda l-iskeda ta' tindif bi preparazjoni għal mixgħela.

**449.8.3** Sa dan it-tant ser jintalab permess speċjali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex naħdmu b'direct order sakemm isir il-proċess tat-tendering.

**449.9** **Talba għal ittra għal parteċipazjoni f''The European Parliament Contemporary Art Collection'**

**449.9.1** Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza riċevuta u qal li hija ħaġa posittiva li artist mis-Siġġiewi jkollu xogħol esibit fil-Parlament Ewropew. Hu qal li jaqbel li jaqbel li ssir l-ittra mitluba bil-kundizzjoni li l-Kunsill Lokali jibqa rikonoxxut on site anka b'mod

permanenti, li nibqgħu aġġornati bix-xogħol esibit, bit-tema u l-messaġġ li jrid jitwassal.

**449.10** **Bidu tal-proġett ta' restawr taz-zuntier tal-Knisja Parrokjali**

**449.10.1** Is-Sindku qal li kien infurmat li x-xogħol ta' tqegħdin ser jibda f'qasir żmien. Hu qal li qed isir koordinament mal-Arċipriet minħabba avvenimenti fil-Knisja u rridu naraw time-frames minħabba l-attivita' tal-mixgħela fil-pjazza u l-festa. Għalhekk, iktar tard dan ix-xahar ser issir laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet u l-Perit inkarigat.

**449.11** **Xogħolijiet infrastrutturali fi Triq l-Imqabba**

**449.11.1** Is-Sindku qal li ix-xogħol fi Triq Annabelle Vassallo tkompla, u ġew ukoll irżolti diversi issues dwar ilqugħ tal-ilma. Hu qal li sar ċint tal-kantun li qabel ma kienx hemm u li estetikament ma jidhirx tajjeb u informa bih lill-Perit responsabbli. Hu qal li x-xogħol fi Triq l-Imqabba ser jitkompla fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li qed jikkomunikia mal-perit biex id-devjazzjoni temporanja waqt l-eżekuzzjoni tax-xpogħol tkun b'tali mod li toħloq l-inqas inkonvenjent u li jkun hemm sinjali adekwati. Hu qal li twaħħli tabelli biex ma jgħaddux trakkijiet minn triq Annabelle Vassallo u l-Kunsill ħa ħsieb jiżba Stop sign anka sakemm jingħata l-aħħar saff ta' asphalt. Hu qal li qed ikun hemm parkeġġ li qed joħloq konġestjoni u periklu u ser jintbgħat komunikat lir-residenti taż-żona dwar dan.

**449.12** **Xogħolijiet ta' tiswijiet ta' bankini**

**449.12.1** Is-Sindku qal li qed tinġabar lista ta' bankini fejn hemm bżonn li jsiru jew jissewwew. Dan wara li l-lista li kellna għandha tiġi riveduta peress li uħud minnhom saru bħala parti mill-proġett ta' Infrastructure Malta. Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-Bankini jidher li ma jridx jaħdem għal diversi raġunijiet, u għalhekk peress li hemm diversi committments urġenti fosthom il-proġett tal-belisha crossing fi Triq Dun Manwel Zammit, ser issir talba lid-Dipartiment tax-xogħolijiet għal possibilta' li x-xogħol isir mid-Dipartiment. Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex min għandu xi rikjesti għal bankini jgħaddi id-dettalji lill-uffiċċju.

**449.13** **Serje ta' laqgħat dwar proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza San Nikola**

**449.13.1** Is-Sindku propona li jsiru serje ta' laqgħat ta' konsultazzjoni fejn jiġu mistiedna l-istakeholders maġġuri, maqsuma fi gruppi biex il-Kunsill jisma' l-idejat u l-proposti minn residenti, stabbilmenti u dawk kollha milquta. Fl-istess laqgħat għandhom jiġu diskussa l-ispustjar tal-venda tat-trasport pubbliku u s-servizz lejn iċ-ċentru tas-Siġġiewi, speċjalment wara li jkun lest il-proġett maġġuri tal-bdil taz-zuntier tal-Knisja.

**449.14** **Post-mortem Programm ta' attivitajiet tal-Milied**

**449.14.1** Is-Sindku qal li kien hemm add kontinwu ta' attivitajiet, anka jekk xi drabi kien hemm l-inkonvenjent tal-maltemp. Is-Sindku qal li ġew innotati bosta punti għal meljorament, fosthom l-estetika tal-istalls li setgħu ikunu imżejna minn min rama stess u mhu sempliċement jintefgħu affarijiet għal bejgħ fuq l-istands. Is-Sindku qal li f'attivitajiet bħal dawn l-estetika hija importanti u kulħadd għandu jaġġmel l-almu tiegħu biex titjieb il-kwalita'. Is-Sindku qal li intgħoġbot il-kompetizzjoni tat-tinżin tal-faċċati tad-djar u kien hemm parteċipazzjoni tajba. Il-preżentazjoni tar-rebbieħa isir 'il quddiem.

**449.15** **Mafkar Fr Nicholas Cachia**

**449.15.1** Is-Sindku qal li inltaqa' mal-familjari fejn qablu li l-mafkar ikun xi ħaġa sempliċi, b'talba. Hu qal li għalkemm kien ġie identikfat li l-mafkar jitpoġġa fir-reading garden, iżda dan il-proġett għadu ma twettaqx, għalhekk qed jiġi propost sit alternattiv li hija r-roundabout fi Triq it-Tabib Nikola Zammi ma' Triq il-Kirċippu.

**449.15.2** Is-Sindku semma wkoll il-mafkar ta' Prof. Fenech kif propost li titpoġġa lapida mar-residenza fejn kien joqgħod fi Triq il-Kbira, u għad qed nistennew risposta minn sid il-post.

**449.16** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**449.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**449.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess f'dawn l-applikazzjonijiet: PA5592/22, PA5851/23, RG684/23.

**449.16.3** Ma tqajjem l-ebda punt fuq din il-materja.

**449.17** **Rapport tal-Korrispondenza**

**449.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**449.17.2** EV Charging Pillars
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand l-MEEE bis-suġġett imsemmi, fejn intbagħtet lista ta' siti, li kienu ġew proposti mill-Kunsill approvati u dawk mhux approvati. Mil-lista ta' 13, jidher li 9 ġew approvati, filwaqt li 4 ġew rifjutati. Peress li fil-lokalita' huwa meħtieġ mill-inqas 11-il sit, il-Kunsill għandu jipproponi 2 siti oħra. Is-Sindku qal li fil-proġpett tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier huwa inkluż Charging station.

**449.18** **Rapport tal-ilmenti**

**449.18.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**449.19** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**449.19.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**449.20** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**449.20.1** Is-Sindku qal li wara insistenza mal-awtoritajiet, it-terrapien mitfuħ fit-trejqa quddiem il-Kappella tal-Providenza ġie mnaddaf mill-Kuntrattur.

**449.20.2** Il-Kunsillier Julian Borg talab li titwaħħal il-mera li kien hemm fil-bidu ta' Triq is-Siġġiewi faċċata ta' Triq Nikola Bonello minħabba periklu.

**449.20.3** Il-Kunsillier Borg qal li hemm bżonn rinfreskar tal-linji tat-traffiku fi Triq it-tabib Nikola Zammit.

**449.20.4** Talab ukoll li insegwu il-kwistjoni tal-bus stop u l-bus shelter li kien hemm fi Triq it-Tabib Nikola Zammit li kien tneħħa sakemm sar l-iżvilupp tal-binja tal-housing.

**449.20.5** Il-Kunsillier Francine Farrugia proponiet li t-tabella tal-loading/unloading fi Triq il-Qajjied titressaq minn fejn qegħda għax qed toħloq inkonvenjent lil terzi.

**449.20.6** Il-Kunsillier Francine Farrugia semmiet problema ta' traffiku, sewqan eċċessiv u karozzi deħlin one way fi Triq il-Girgenti u proponiet li din it-triq tiġi proposta għal one way.

**449.21** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**449.21.1** Il-laqgħa intemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.

**449.21.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 18 ta' Frar 2024

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv